IL-BIRGU
Citta` Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e-mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

## Minuti tal-Laqgha 28 (06)

Il-Kunsill Lokali al-Birgu ltaqa` ghal laqgha numru 28 fl-ufficini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta` Franza nhar it-Tlieta 21 ta` Jannar, 2014 fis-sitta ta` filghaxija (6.00pm) .

### Prezenti

Is-Sindku John Boxall, il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, l-Kunsilliera, s-Sur Alan Cassar, is-Sur Anton Gellel u s-Sur Lawrence Attard.

Is-Sur Trevor Mizzi dahal ghal laqgha fis-sitta u nofs ta` filghaxija (6.30pm)

Is-Sinjura Lara Mascena, Deputat Segretarju Ezekuttiv

### Talba

Il-laqgha bdiet fis-sitta u kwart ta` filghaxija. Is-Sindku, is-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu ghal laqgha

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Is-Sindku, is-Sur John Boxall informa lil Kunsilliera, li l-Minuti tal-ahhar laqgha 27(06), ghadhom mhux lesti u dan minhabba l-fatt li Deputat Segretarju Ezekuttiv m`ghadhiex aktar impjegata mal-Kunsill. Gie deciz li l-minuti tal-ahhar laqgha jigu approvati fil-laqgha li jmiss.

2. Korrispondenza

2.1 Is-Sindku, is-Sur John Boxall informa lil Kunsill jekk jaqblux li s-Sinjura Lara Mascena tinhatar bhala Deputat Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill sal –perjodu li tinhatar Segretarju Ezekuttiv. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.2 Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal li ser terga' tohrog is-sejha ghal post ta' Segretarju Ezekuttiv mal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sur Boxall kompla jispjega il-process ta' kif isir dan l-ingagg, fejn qal li l-ewwl ser tohrog sejha interna u jekk hadd ma japplika tohrog sejha fuq il-gazetta tal-gvern. Gie diskuss ukoll li hemm bzonn jinhatar bord tal-ghazla, fejn is-Sur Boxall issugerixxa li s-Sur Melvin Attard ghandu jkun wiehed mill-bord. Is-Sur Gellel issugerixxa li jkun hemm ukoll is-Sur Carmel Tabone. Dwar din is-sejha kien hemm qbil unanimu.

2.3 Is-Sindku, is-Sur Boxall informa lill-kunsilliera prezenti li bhalissa qed isir l-ispustjar tal-Librerija Regjonali. Is-Sindku kompla billi qal li l-Kunsill sab diga' l-ghajnuna minn naha ta' Direttur tal-Libreriji, fejn ntbaghtu l-haddiema sabiex jghinu fl-ispustjar tal-kotba u xkaffar. Is-Sindku kompla jzied billi qal li

diga' bghat u nforma lil Onorevoli Evarist Bartolo dwar dan u talbu ghal ghajnuna finanzjarja. Sfortunatament s'issa l-Kunsill ghadu ma rcieva l-ebda risposta ghal din it-talba. Is-Sur Boxall tenna li l-Kunsill m'huwiex ser johrog l-ebda finanzi mill-allokazzjoni ghal ispejjez tal-Librerija Regjonali.

2.4 Gie diskuss ukoll dwar l-ispustjar tal-Berga ta' tabib, fejn gie ssugeriet li din tigi spustjata fi zewgt t'ikmamar ta' isfel tal-Berga ta' Franza, liema kmamar kienu proposti li jsiru Day Centre. Is-Sur Anton Gellel issugerriexa li ghandu jsir ftehim mal-Amerikani li sakemm il-Berga tal-Ingliterra tittiehed minn naha tal-Ambaxxata Amerikana, l-berga ta' tabib tibqa' sservi minn hemm.

2.5 Is-Sur John Boxall qal li diga' ntlabu tlett kwotazzjonijiet ghal suffett gdid ghal wahda mill-kmamar f'Couvre Porte. Mit-tlett kwotazzjoniiet li ngabru, intaghzlet l-irhas wahda, dik ta` EUR460. Is-Sur Boxall kompla jghid li qed jingabru kwotazzjonijiet ohra ghad-dawl tas-suffett.

2.6 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li ghal spejjez li saru fl-intrata tal-Berga ta' Franza hemm il-flus diga' ghax-xoghol li sar u ghalhekk ghandu jsir il-hlas hekk kif jitlestew ix-xoghlijiet.

2.7 Is-Sindku, is-Sur John Boxall qal li gie avvicinat mill-Ambaxxata Franciza fejn urew ix-xewqa li jinvesti xi flus fir-restawr tal-faccata tal-Berga ta' Franza. Is-Sur Anton Gellel sostna li huwa ferm importanti li qabel jsiru xi xoghlijiet, ikollna l-flus li jweghduna f'idejna.

2.8 Is-Sur John Boxall ssugerriexa biex nerghgu navvicinaw li Rotary Club sabiex jipprovdulna fondi sabiex jigi installat platform lift gewwa Couvre Porte. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Gie diskuss u maqbul unaniment li ghandha tohrog l-applikazzjoni ghal sejha ta' handyman fuq bazi full-time mal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

2.10 Is-Sur John Boxall qal li s-Sinjura Moira Azzopardi offriet biex tkompli tiehu hsieb il-progett Coheirs u l-progett tal-youth exchange TORO mid-dar ghalkemm m'ghadhiex impjegata mal-Kunsill u dan peress li dan il-progett wasal fi tmiemu. Ghal dan ix-xoghol is-Sinjura Azzopardi se tithallas bir-rata ta` tmien ewro (Eur8) is-siegha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.11 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera dwar progett li jixtieq li jsir, dwar tabelli tac-ceramika bin-numru ta' djar u vazun tac-ceramik bl-arma tal-Birgu. Kompla jghid li bhaliss ghadhom qed isiru xi diskussjoniiet dwar il-prezz u l-ghamla, u hekk kif isiru xi samples, dawn se jigu morija fil-laqgha tal-Kunsill. Is-Sur Boxall kompla billi qal li biex isiru dawn it-tabelli hemm bzonn li jinghataw donazzjonijiet, u ghal dawn id-donazzjonijiet ser jigu avvicinati l-kuntratturi li qeghdin jahdmu fit-toroq taz-zona tal- Collachio. Is-Sindku temm jghid li sal-Easter jixtieq li jkunu lesti erbgha toroq.

2.12 Is-Sindku, is-Sur John Boxall qal li ntbaghtet korrispondenza lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u lil Onorevoli Jose Herrera dwar it-tnaqqis li rega` kien hemm fl-allokazzjoni tas-sena
2014 komparabbli mas-sena 2013.

John Boxall - Sindku, Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Anthony Gellel - Kunsillier, Alan Cassar - Kunsillier, Lawrence Attard – Kunsillier
Lara Mascena– Deputat Segretarja Ezekuttiva

2.13 Is-Sur Boxall qara korrispondenza li ntbaghtet lis-Sur Leonard Sacco, dwar l-ispustjar tal-Librerija Regjonali.

2.14 Gie diskuss li l-Kunsill ser jiehu hsieb johrog sejha ghal tender dwar manutenzjoni ta' dawl fit-toroq. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.15 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsill gie avvicinat sabiex fil-Kunsill jibdew jithejjew disskusjoniiet fuq sahha primarja.  Is-Sur John Boxall apponta lil Kunsillier Lawrence Attard sabiex jiehu hsieb javvicina lis-Sinjura Anna Pisani minn naha tal-Caritas sabiex jitfhemu u jsir pjanar ahjar meta ser jibdew u fejn ser isiru dawn id-diskussjoniiet.

2.16 Is-Sur John Boxall informa l-Kunsilliera dwar is-servizz tal-Gwardjani Lokali gewwa lokalita' tal-Birgu, fejn dawn qeghdin jintbaghtu minghajr il-Kunsill ma jigi nfurmat. Is-Sindku kompla jghid li ntbaghtet ittra lil kumpanija responsabbli u lil Ufficjal Awtorrizat dwar din il-kwistjoni.

2.17 Inqrat ittra li Sindku bghat lis-Sur Vincent Cassar, direttur tal-Mepa dwar il-process tal-installazjoni tal-platform lift, sabiex jitheffef aktar il-process.

2.18 Inqrat ittra li ntbghtet lil Onorevoli Joe Mizzi dwar ix-xoghlijiet li kellhom jibdew fi  Triq il-Kardinal, Triq Desain, Triq Wenzu Dyer u l-ground tal-Fortini.

2.19 Gew moqrija diversi korrispondenzi li l-Kunsil ircieva minghand diversi persuni sabiex jtellu esebizzjonjiet u book launches gewwa l-Berga ta' Franza fosthom esebizzjoni tac-ceramika matul iz-zmien tal-Birgufest, esebizzjoni ta' arti mtella' mill-istudenti li tibda mill-4 t'April 2014 u tibqa' miftuha xahar, prezentazzjoni tal-ktieb mis-Sur Chris Grupetta li ser titella' 31 ta' Jannar u book prezentazzjoni ta` rumanz li ser titella' mis-Sur Carmel Mallia. Dwar dawn l-attivitajiet kien hemm qbil unanimu u gie ssugerriet li jsir kalendarju bl-avvenimenti kollha.

2.20 Is-Sindku qal li l-Kunsill ircieva ittra mis- Sur Lorenzo Zahra ghan-nom tal-Vittoriosa Historical Society, fejn dan ta' l-ahhar issugerrixa u wera xewqa biex jibda jintuza aktar l-isem Vittoriosa flok Birgu. Gie diskuss ukoll dwar ic-cerimonja tal-450 anniversajru mill-Assedju l-Kbir, fejn gie  ssugeriet li din ic-cerimonja ghadha ssir gewwa l-Birgu, u dwar dan ghandna ninfurmaw lil Awtoritajiet kkoncermat. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.21 Is-Sindku nforma l-Kunsilliera dwar korrispondenza li rcivejna dwar il-laqgha tal-Ezekuttiv tal-Walled Towns, li ser isir fir-Rebbiegha. Id-dati ghadhom ma gewx imhabbra.

2.22 Is-Sindku nforma l-Kunsilliera dwar korrispondenza li rcivejna dwar it-tieni konferenza ta' ‘The Most Beautiful Villages in the Mediterranean’ li ser isir fi Kreta lejn l-ahhar ta' Marzu bidu ta' April 2014. Id-dati ghadhom ma gewx moghtija.

2.23 Is-Sur John Boxall informa lill-Kunsilliera b'korrispondenza li l-Kunsill ircieva  minghand Dr.Flores dwar xoghlijiet u affarijiet li Dipartiment tas-Sahha jixtiequ li jkollhom fil-post il-gdid fejn ser tkun il-berga ta' tabib.

2.24 Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li wasal iz-zmien li nordnaw flokkijiet godda ghal haddiema. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

3.0 <u>Approvazzjoni ta` Finanzi</u>

3.1 Il-Kunsill approva unanimament il-lista ta` pagamenti.

Il-Laqgha intemmet fid-disgha ta` filghaxija (9.00pm).

_______________________ _______________________

Lara Mascena ikkonfermati John Boxall
Deputat Segretarju Ezekuttiv Sindku